MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**IAN FARRUGIA**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2013

Numru 486/2013

**Il-Pulizja**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**Vs**

**Rita Busuttil**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputata Rita Busuttil ta' 55 sena bint Emanuel Belli u Maria xebba Spiteri imwielda il-Pieta nhar il-15 ta' Settembru 1957, residenti gewwa Ghabex, Triq id-Dejma, Tarxien u detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 630457M giet akkuzata talli b'diversi atti, maghmulin fi zminijiet differenti, kisret l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u b'risoluzzjoni wahda billi:

1. Fix-xhur t'Awwissu u Settembru 2012, gewwa r-residenza 4, Neutron, Triq Annetto Caruana, Tarxien u

f'dawn il-gzejjer, ikkomettiet serq ta' flus liema serq huwa aggravat bil-persuna u l-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa u ghoxrin Euros u seba w tletin centezmu (2329.37Euros) li sar ghad detriment ta' Giuseppe Calleja u/jew persuni ohra ;

2. Kif ukoll talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa u ghoxrin Euros u seba w tletin centezmu (2329.37Euros) li sar ghad detriment ta' Giuseppe Calleja u/jew persuni ohra;

3. Akkuzata wkoll talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi bhala impjegat pubbliku, għal xi vantaġġ privat taghha jew għall-benefiċċju ta' xi persuna jew entità oħra, ghamlet użu ħażin minn karti ta' kreditu jew dokumenti, illi jkunu ġew fdati lilha minħabba l-kariga jew impieg taghha, jew serqithom;

4. Talli wkoll bejn il-25 ta' Frar 2013 u t-28 ta' Frar 2013, gewwa r-residenza 4, Neutron, Triq Annetto Caruana, Tarxien, ikkomettiet serq ta' flus liema serq huwa aggravat bil-persuna u l-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa u ghoxrin Euros u seba w tletin centezmu (2329.37Euros) li sar ghad detriment ta' Giuseppe Calleja u/jew persuni ohra.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Rat li, fl-ewwel u fl-unika udjenza ta' l-14 ta' Ottubru 2013, saret l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputata anki wara li inghatat z-zmien skond il-Ligi sabiex tirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur.

Ikkunsidrat;

Illi la darba l-imputata irregistrat ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrija tal-imputata u d-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha jinsabu sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjaraha hatja taghhom.

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti fil-qosor, u li rrizultaw sodisfacentement quddiem din il-Qorti, li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti :

Illi l-imputata kienet impjegat pubbliku u fiz-zminijiet imsemmija, u cioe` fix-xhur ta` Awwissu u Settembru 2012 u fi Frar tas-sena 2013, hija kienet.tassisti bhala *carer* lill-anzjan Giuseppe Calleja fid-dar tieghu li tinsab 4, Neutron, Triq Annetto Caruana, Tarxien. Waqt il-qadi tad-dmirijiet taghha bhala *carer* mal-anzjan, gie moment hazin fuqha fejn ghelbitha t-tentazzjoni u hadet il-*cashlink card* propjeta` ta` l-anzjan Giuseppe Calleja. Bis-sahha ta` din il-*cashlink card* u billi saret taf x'kien il-*pin number* relattiv, hija gibdet ammont ta` flus fl-ammont globali ta` €1250. Dan kollu sar minn wara dar l-anzjan u naturalment giet li hija serqitlu dan l-ammont ta` flus.

Illi sussegwentement, wara li Giuseppe Calleja rcieva xi *statements* bankarji, huwa induna li hu effettivament ma kienx ghamel il-*withdrawls* relattivi ghall-ammont shih ta` €1250, u konsegwentement mar jaghmel rapport. In segwitu ghal dan ir-rapport, il-pulizija bidet l-investigazzjoni taghha u malajr sabet illi l-persuna, li kienet hadet din il-*cashlink card* u gibdet il-flus mill-kont bankarju ta` Giuseppe Calleja, ma kienet hadd hlief l-imputata. L-imputata giet mitluba tersaq ghall-investigazzjoni u minnufih ammettiet l-involviment taghha u ghaddiet lill-pulizija *cheque* fl-ammont ta` €1250, liema

*cheque* mbaghad inghata lil Giuseppe Calleja, u dan minn naha tieghu sarrfu u gie li ha flusu lura.

Ikkunsidrat;

Illi in tema ta' piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi, izda mhux biss:

a. il-fedina penali nettissima tal-hatja, li proceduralment tfisser li l-istess Rita Busuttil ghandha titqies bhala *a first time offender*;
b. id-deposizzjoni ta` Giuseppe Calleja fejn minghajr ebda esitazzjoni u bla ebda kondizzjoni hafer lil Rita Busuttil;
c. il-fatt li Rita Busuttil hallset minnufih lura l-ammont kollu li kienet hadet minghand Giuseppe Calleja bl-uzu illecitu tal-*cashlink*, propjeta` ta` l-istess Giuseppe Calleja;
d. l-ammissjoni ta` Rita Busuttil fl-ewwel udjenza, li trid titqies minn din il-Qorti bhala ammissjoni bikrija li, ghalkemm ma tatix xi dritt awtomatiku ghall-riduzzjoni fil-piena, f'dan il-kaz din il-Qorti qed taghtiha piz sostanzjali fil-kuntest ta` l-ahjar sanzjoni li ghandha tigi imposta b'din is-sentenza;
e. il-fatt li b'dak li ghamlet u minhabba li hija kienet impjegata pubblika, Rita Busuttil giet li ikkompromettiet l-impjieg taghha; fatt li hu ferm sfortunat ghaliex kulhadd ghandu jghozz u jipprotegi l-impjieg tajjeb u regolari li jkollu;
f. il-fatt li Rita Busuttil gharrfet li zbaljat sew u ddispjacieha ghal dak li ghamlet; din il-Qorti ghexet l-udjenza tal-14 ta` Ottubru u tista tikkonferma li d-dispjacir ta` Rita Busuttil kien jidher evidenti li hu wiehed genwin.

Minghajr tlaqlieq, din il-Qorti tiddikjara li r-reati kif migjuba kontra l-hatja huma serji, u fejn ma hemmx xi raguni u/jew cirkostanza jew cirkostanzi partikolari, il-hati ta` reati kif migjuba kontra Rita Busuttil, partikolarment fejn il-vittma huwa persuna anzjana, vulnerabbli, u li ghandu bzonn il-protezzjoni ta` min ikun qed jghinu bhala *carer*, jimmerita piena li tkun ta` deterrent, bhal ma hi piena ta` prigunerija. Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha pero`, l-Qorti qieset sew xi

jghid l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.
Illi b'rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema li, fil-qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif aktar-il fuq esposti, inkluz il-karattru ta` Rita Busuttil, ma hux spedjenti li twahhal piena.
**Illi l-Qorti tinsab preokkupata ukoll ghall-fatt li din is-sentenza jista jkollha konsegwenza fuq l-impjieg ta` Rita Busuttil. Huwa minnu li Rita Busuttil trid terfa r-responsabbilta` ta` ghemilha. F'dan l-aspett, din il-Qorti ma tista taghmel xejn hlief li, filwaqt li tiddikjara li l-Awtoritajiet koncernati ghandhom dejjem jithallew sereni sabiex jaslu ghad-decizjonijiet li ghandhom jiehdu, thoss li ghandha bir-rispett tistieden lill-Awtoritajiet koncernati sabiex jassiguraw li, fi kwalunkwe decizjoni li tittiehed, ma tintilef qatt il-perspettiva tal-umilta` u l-proporzjonalita`, l-gharfien li kull bniedem, minn natura tieghu jista jizbalja, u l-hniena umana li tiddistingwi l-bniedem fil-mument tal-prova**.
**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 10, 17, 18, 31, 127, 261(c)(d), 267, 268(a), 280(1), 308, 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil Rita Busuttil hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra taghha u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tillibera lil Rita Busuttil bil-kondizzjoni li ma taghmel ebda reat matul il-perjodu ta` tlett snin mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lil Rita Busuttil fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk hija taghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

In oltre, peress illi dan hu hekk preskritt f'dan l-istadju, din il-Qorti qed timponi fuq Rita Busuttil l-interdizzjoni generali perpetwa.

Il-Qorti tordna komunika ta` din is-sentenza lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, lid-Direttur, Dipartiment ghall-Anzjani u Kura fil-Komunita`, u lir-Registratur, Qrati u Tribunali Kriminali (minhabba d-dispost ta` l-Artikolu 10(7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta).

Il-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-procediment u kopja ta' din is-Sentenza jintbaghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------